



2023/2449

7.11.2023

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2449**

**tas-6 ta' Novembru 2023**

**li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli għall-pjanijiet ta' monitoraġġ, għar-rapporti dwar l-emissjonijiet, għar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet, għad-dokumenti ta' konformità, u għar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1927**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 6(5), l-Artikolu 12(2) u l-Artikolu 17(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1927 <sup>(2)</sup> jipprevedi l-mudelli u r-regoli tekniċi għat-tressiq tal-pjanijiet ta' monitoraġġ, tar-rapporti dwar l-emissjonijiet u tad-dokumenti ta' konformità skont ir-Regolament (UE) 2015/757.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2023/957 <sup>(3)</sup> emenda r-Regolament (UE) 2015/757 sabiex tiġi prevista l-inklużjoni tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ("EU ETS") u għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet ta' emisjonijiet tal-metan (CH<sub>4</sub>) u ossidu nitruż (N<sub>2</sub>O) u emissjonijiet minn tipi ta' bastimenti addizzjonali. Dan introduċa wkoll obbligu għall-kumpaniji li jirrapportaw *data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji ("rapporti fil-livell tal-kumpaniji"). Barra minn hekk, introduċa obbligu għall-Kummissjoni li tistabbilixxi r-regoli tekniċi għas-sottomissjoni awtomatika tal-mudelli għas-sottomissjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1927 jenħtieġ li jiġi emendat biex ikun jirrifletti dawk il-bidliet. Il-firxa tal-bidliet meħtieġa fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1927 teħtieġ li t-test jiġi ppubblikat kollu kemm hu. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1927 jitħassar u jiġi ssostitwit b'dan ir-Regolament.
- (4) Il-pjan ta' monitoraġġ jenħtieġ li jinkludi tal-anqas l-elementi mogħtija fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2015/757. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2015/757, u skont l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament, il-pjan ta' monitoraġġ jenħtieġ li jippermetti l-monitoraġġ u r-rappurtar tal-konsum tal-fjuwil u tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra abbażi ta' kriterji mhux obligatorji oħrajn.
- (5) Meta jipprovdu informazzjoni dwar l-elementi u l-proċeduri bħala parti mill-pjan ta' monitoraġġ skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2015/757, il-kumpaniji jenħtieġ li jkunu jistgħu jirreferu wkoll għall-proċeduri jew għas-sistemi implimentati b'mod effettiv bħala parti mis-sistemi eżistenti ta' ġestjoni tagħhom, bħall-Kodiċi Internazzjonali tal-Ġestjoni tas-Sikurezza (il-Kodiċi ISM) <sup>(4)</sup>, u l-Pjan dwar il-Ġestjoni tal-Effiċjenza Enerġetika tal-Bastimenti (is-SEEMP) <sup>(5)</sup>, jew għas-sistemi u l-kontrolli koperti minn standards armonizzati tal-ġestjoni tal-kwalità, tal-ġestjoni ambjentali jew tal-ġestjoni tal-enerġija, bħall-istandards EN ISO 9001:2015, EN ISO 14001:2015 u EN ISO 50001:2011. F'każijiet bħal dawn jew meta l-proċeduri rilevanti, skont ir-regoli dwar il-monitoraġġ tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2015/757, ikunu diġà deskritti fi proċeduri bil-miktub stabbiliti, il-pjanijiet ta' monitoraġġ jenħtieġ li jitħallew jinkludu deskrizzjoni qasira jew sommarju ta' tali proċeduri.

<sup>(1)</sup> ĠU L 123 19.5.2015, p. 55.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1927 tal-4 ta' Novembru 2016 dwar il-mudelli għall-pjanijiet ta' monitoraġġ, għar-rapporti dwar l-emissjonijiet u għad-dokumenti ta' konformità skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu (ĠU L 299, 5.11.2016, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 sabiex tiġi prevista l-inklużjoni tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emisjonijiet ta' gassijiet serra addizzjonali u emissjonijiet minn tipi ta' bastimenti addizzjonali (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 105).

<sup>(4)</sup> Adottat mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) permezz tar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea A.741(18).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament 22 tal-Anness VI tal-MARPOL.

- (6) Sabiex ikun iktar faċli li jsir il-monitoraġġ, huwa xieraq li jiġi permiss l-użu ta' valuri prestabbiliti għal-livell ta' inċertezza assoċjat mal-monitoraġġ tal-fjuwil filwaqt li jitqiesu l-linjigwida żviluppata mill-Kummissjoni.
- (7) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet għal mudell elettroniku għar-rapporti dwar l-emissjonijiet. Dan huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li r-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet jiġu sottomessi b'mod elettroniku u li jkun fihom informazzjoni annwali aggregata kompluta u standardizzata.
- (8) Ir-rapport dwar l-emissjonijiet jenħtieġ li jkopri l-kontenut minimu stabbilit fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2015/757, fosthom ir-riżultati tal-monitoraġġ annwali. Dan jenħtieġ li jippermetti wkoll ir-rappurtar ta' informazzjoni addizzjonali li tista' tgħin lil dak li jkun jifhem l-indikaturi operazzjonali medji tal-effiċjenza enerġetika rrappurtati fuq bażi mhix obbligatorja.
- (9) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2015/757, meta jkun hemm bidla fil-kumpanija fir-rigward ta' bastiment, għandu jiġi ppreżentat rapport fil-livell tal-bastiment mill-kumpanija preċedenti, li jkopri l-istess elementi bħar-rapport annwali dwar l-emissjonijiet imsemmi fl-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament iżda limitat għall-perjodu li jikkorrispondi għall-attivitajiet imwettqa taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija preċedenti ("rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet"). L-ispeċifikazzjonijiet għal mudell elettroniku għar-rapporti dwar l-emissjonijiet imsemmi fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2015/757 jenħtieġ li japplikaw ukoll għar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet.
- (10) Ir-regoli li jstabbilixxu mudell elettroniku għad-dokumenti ta' konformità jenħtieġ li jiġu emendati bl-għan li jiġu allinjati mal-bidliet introdotti fl-informazzjoni tal-kumpanija u d-dettalji tal-identifikazzjoni tal-bastimenti fil-mudelli għall-pjanijiet ta' monitoraġġ.
- (11) Skont l-Artikolu 11a(2) tar-Regolament (UE) 2015/757, il-kumpaniji għandhom jissottomettu *data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji ("rapporti fil-livell tal-kumpaniji") lill-awtorità amministrattiva responsabbli tagħhom mill-2025. Sabiex jiġi żgurat li daww ir-rapporti jkun fihom informazzjoni standardizzata li tippermetti l-implimentazzjoni armonizzata tal-obbligi ta' rapportar fil-livell tal-kumpaniji, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet għal mudell elettroniku għal tali rapportar.
- (12) Ir-rapporti fil-livell tal-kumpaniji jenħtieġ li tal-anqas ikopru l-kontenut stabbilit fl-Artikolu 11a tar-Regolament (UE) 2015/757. Jenħtieġ li jkopru wkoll l-elementi meħtieġa għas-sottomissjoni tal-emissjonijiet ivverifikati fir-Reġistru tal-Unjoni skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 <sup>(6)</sup>.
- (13) L-emissjonijiet tal-gassijiet serra tat-trasport marittimu se jiġu inklużi fl-EU ETS mill-perjodu ta' rapportar li jibda fl-1 ta' Jannar 2024 u l-emissjonijiet tal-metan u tal-ossidu nitruż se jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 mill-perjodu ta' rapportar li jibda fl-1 ta' Jannar 2024. Għalhekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita għal dik id-data.
- (14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

#### Mudell elettroniku dwar il-pjan ta' monitoraġġ

1. Biex iressqu l-pjan ta' monitoraġġ skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2015/757, il-kumpaniji għandhom jużaw il-verżjoni elettronika tal-mudell li hija disponibbli fis-sistema awtomatizzata ta' informazzjoni tal-Unjoni Thetis MRV li tħaddem l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ("Thetis MRV").
2. Il-verżjoni elettronika tal-mudell tal-pjan ta' monitoraġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun fiha l-informazzjoni mogħtija fl-Anness I.

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3).

*Artikolu 2***Mudell elettroniku tar-rapport dwar l-emissjonijiet u tar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet**

1. Għall-finijiet tal-preżentazzjoni tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2015/757 (ir- "rapport dwar l-emissjonijiet") u r-rapport imsemmi fl-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament (ir-"rapport parzjali dwar l-emissjonijiet"), il-kumpaniji għandhom jużaw il-verżjoni elettronika tal-mudell disponibbli f'Thesis MRV.
2. Il-verżjoni elettronika tal-mudell tar-rapport dwar l-emissjonijiet u tar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet għandu jkun fiha l-informazzjoni mogħtija fl-Anness II.

*Artikolu 3***Mudell elettroniku dwar id-dokument ta' konformità**

1. Biex joħroġ dokument ta' konformità skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2015/757, il-verifikatur għandu jipprovdi d-data rilevanti billi juża l-verżjoni elettronika tal-mudell li hija disponibbli f'Thesis MRV.
2. Il-verżjoni elettronika tal-mudell tad-dokument ta' konformità msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fiha l-informazzjoni mogħtija fl-Anness III.

*Artikolu 4***Mudell elettroniku tar-rapport fil-livell tal-kumpaniji**

1. Għall-fini ta' sottomissjoni tad-*data* ta' emissjonijiet aggregata fil-livell tal-kumpaniji f'konformità mal-Artikolu 11a(2) tar-Regolament (UE) 2015/757 (ir-"rapport fil-livell tal-kumpaniji"), il-kumpaniji għandhom jużaw il-verżjoni elettronika tal-mudell li hija disponibbli f'Thesis MRV.
2. Il-verżjoni elettronika tal-mudell tar-rapport fil-livell tal-kumpaniji għandu jkun fiha l-informazzjoni mogħtija fl-Anness IV.

*Artikolu 5***Tħassir**

1. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1927 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2024.
2. Ir-referenzi kollha għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1927 għandhom jinftehemu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 6***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficiali tal-Unjoni Ewropea.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

ANNEX I

**Il-mudell għall-pjanijiet ta' monitoraġġ**

PARTI A

**SKEDA TA' REĠISTRAZZJONI TA' REVIŻJONI**

Numru tal-verżjoni	Data ta' referenza	Status fid-data ta' referenza <sup>(1)</sup>	Referenza għall-partijiet li fihom saru r-reviżjonijiet jew il-modifiki, inkluż spjegazzjoni qasira tal-bidliet

(1) Status li għandu jiġi attribwit mis-sistema tal-IT, bħala: "Abbozz ta' ħidma", "Taħt reviżjoni", "Abbozz finali sottomess lill-verifikatur", "Ivvalutat mill-verifikatur", "Immodifikat mingħajr ħtieġa ta' valutazzjoni mill-ġdid", "Sottomess lill-awtorità amministrattiva responsabbli għall-approvazzjoni", "Approvat".

PARTI B

**DATA BAŻIKA**

Tabella B.1

**Identifikazzjoni tad-dettalji tal-vapur u tas-sid ta' vapur**

Isem il-vapur	
Numru ta' identifikazzjoni OMI tal-vapur	
Port tar-reġistrazzjoni	
Port tar-ritorn (jekk dan ma jkunx l-istess bħall-port tar-reġistrazzjoni)	
Isem is-sid ta' vapur <sup>(1)</sup>	
Numru tat-taxxa tas-sid ta' vapur (informazzjoni volontarja)	
Persuna ta' kuntatt għas-sid ta' vapur (informazzjoni volontarja)	
Indirizz tan-negożju (informazzjoni volontarja)	
Belt (informazzjoni volontarja)	
Stat/Provinċja/Reġjun (informazzjoni volontarja)	
Numru tat-telefown tan-negożju (informazzjoni volontarja)	
Indirizz tal-posta elettronika tan-negożju (informazzjoni volontarja)	
Numru ta' identifikazzjoni tal-kumpanija uniku tal-OMI <sup>(2)</sup> u tas-sid irreġistrat	
Pajjiż tar-reġistrazzjoni tas-sid irreġistrat <sup>(3)</sup>	
Tip tal-vapur <sup>(4)</sup>	
Piż mejjet (ftunnellati metriċi)	
Tunnellaġġ Gross	
Soċjetà ta' klassifikazzjoni (informazzjoni volontarja)	
Klassi tas-silġ <sup>(5)</sup>	
Stat tal-Bandiera (informazzjoni volontarja)	

Effiċjenza Teknika (informazzjoni volontarja) <sup>(6)</sup>	
Kamp tad-deskrizzjoni miftuħ għal informazzjoni addizzjonali volontarja dwar il-karatteristiċi tal-vapur <sup>(7)</sup>	

<sup>(1)</sup> Kif irreġistrat taħt l-Iskema tan-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Kumpaniji Uniku tal-OMI u tas-Sid Irreġistrat.  
<sup>(2)</sup> Is-Sid Irreġistrat huwa s-sid speċifikat fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' vapur.  
<sup>(3)</sup> Kif irreġistrat taħt l-Iskema tan-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Kumpaniji Uniku tal-OMI u tas-Sid Irreġistrat.  
<sup>(4)</sup> Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: "Vapur tal-passiġġieri", "Vapur ro-ro", "Bastiment tal-kontejners", "Tanker taż-żejt", "Tanker tas-sustanzi kimiċi", "Trasportatur tal-LNG", "Tanker tal-gass", "Trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa", "Bastiment ta' merkanzija ġenerali", "Bastiment refriġeratur", "Trasportatur tal-vetturi", "Trasportatur ikkombinat", "Vapur ro-ro tal-passiġġieri", "Bastiment tal-kontejners/tal-vetturi", "Tipi ta' vapuri oħrajn". Taħt il-kategorija "Vapur tal-passiġġieri", is-subtip "Bastiment tal-kruċiera tal-passiġġieri" huwa inkluż għall-għażla, jekk applikabbli. Taħt il-kategorija "Tipi ta' vapuri oħrajn", is-subtip "Bastiment fuq il-baħar" huwa inkluż għall-għażla, jekk applikabbli.  
<sup>(5)</sup> Huwa obbligatorju li wieħed jibbenefika mid-deroga għall-bastimenti tal-klassi tas-silġ skont l-Artikolu 12(3-e) tad-Direttiva 2003/87/KE. Agħżel waħda mill-Klassijiet Polari PC1 — PC7 jew waħda mill-Klassijiet tas-Silġ Finlandiżi u Żvediżi (IC, IB, IA jew IA Super). Sabiex tiġi stabbilita l-korrispondenza bejn il-klassijiet tas-silġ, għandha tintuża r-Rakkomandazzjoni 25/7 tal-HELCOM.  
<sup>(6)</sup> Il-vapuri għandhom jirrapportaw l-indiċi tal-Effiċjenza Teknika EEDI jew EEXI, u jekk dan ma jeżistix, jista' jiġi rrapportat l-EIV.  
<sup>(7)</sup> Hawnhekk tista' tiddaħħal persuna ta' kuntatt addizzjonali.

Tabella B.2

**Informazzjoni dwar il-kumpanija**

Isem tal-kumpanija	
Natura tal-kumpanija <sup>(1)</sup>	
Numru ta' identifikazzjoni tal-kumpanija uniku tal-OMI u tas-sid irreġistrat tal-kumpanija <sup>(2)</sup>	
Pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija <sup>(3)</sup>	
Numru tat-taxxa tal-kumpanija (informazzjoni volontarja)	
Persuna ta' kuntatt	
Indirizz tan-negozju	
Belt	
Stat/Provinċja/Reġjun	
Kodiċi postali/ZIP	
Numru tat-telefown tan-negozju	
Indirizz elettroniku tan-negozju	
Pajjiż	

<sup>(1)</sup> Menu li jinżel: Vapur li jaqa' fl-ambitu tal-Kodiċi ISM [Iva/Le]. F'każ li tintgħażel Iva, agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: "Sid ta' vapur", "Kumpanija tal-ISM distinta mis-sid ta' vapur". F'każ li tintgħażel Le, tapplika "Sid ta' vapur".  
<sup>(2)</sup> In-numru ta' identifikazzjoni kif irreġistrat taħt l-Iskema tan-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Kumpaniji Uniku tal-OMI u tas-Sid Irreġistrat.  
<sup>(3)</sup> Il-pajjiż tar-reġistrazzjoni għandu jkun identiku għall-pajjiż tar-reġistrazzjoni kif irreġistrat taħt l-Iskema tan-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Kumpaniji Uniku tal-OMI u tas-Sid Irreġistrat.

Tabella B.3

**Sorsi ta' emissjonijiet u tipi ta' fjuwil użati**

Numru ta' referenza tas-sors ta' emissjonijiet	Isem is-sors ta' emissjonijiet	Tip tas-sors ta' emissjonijiet <sup>(1)</sup>	Klassi tas-sors ta' emissjonijiet <sup>(2)</sup>	Deskrizzjoni teknika tas-sors ta' emissjoni (prestazzjoni/potenza, konsum speċifiku taż-żejt tal-fjuwil (SFOC), sena tal-installazzjoni, numru ta' identifikazzjoni fil-każ ta' bosta sorsi ta' emissjonijiet identiċi, eċċ. <sup>(3)</sup> )	Tip(i) ta' fjuwil (potenzjali) użat (i) <sup>(4)</sup>
--	--------------------------------	---	--	---	--

- <sup>(1)</sup> Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: “Magni prinċipali”, “Magni awżiljarji”, “Turbini tal-gass”, “Bojlers”, “Ġeneraturi tal-gass inerti”, “Ċelloli tal-fjuwil”, “Inċineraturi tal-iskart”, “Oħrajn”.
- <sup>(2)</sup> Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: SILĠ (ieħor), LNG Otto (veloċità medja b'żewġ tipi ta' fjuwil), LNG Otto (veloċità bil-mod b'żewġ tipi ta' fjuwil), Diżil tal-LNG (veloċità bil-mod b'żewġ tipi ta' fjuwil), LBSI, Turbina tal-gass, Bojlers, Ċelloli tal-fjuwil, Inċineraturi tal-iskart, Ġeneraturi tal-gass inerti.
- <sup>(3)</sup> Tista' tinkludi n-numru ta' identifikazzjoni f'każ ta' bosta sorsi ta' emissjoni identiċi.
- <sup>(4)</sup> Agħżel tal-inqas waħda mill-kategoriji li ġejjin: “Żejt tal-Fjuwil Tqil (HFO)”, “Żejt tal-Fjuwil Ħafif (LFO)”, “Żejt tal-Gass/Żejt diżil (MDO/MGO)”, “Gass Naturali Likwifikat (LNG)”, “Gass Likwifikat miż-Żejt (Butan, LPG)”, “Gass Likwifikat miż-Żejt (Propan, LPG)”, “H<sub>2</sub> (Fossili)”, “NH<sub>3</sub> (Fossili)”, “Metanol (Fossili)”, “Etanol”, “Bijodiżil”, “Żejt Veġetali Idrotrattat (HVO)”, “Bijometan likwifikat bħala fjuwil tat-trasport (Bijo-LNG)”, “Bijometanol”, “Bijofjuwil Ieħor”, “Bijo-H<sub>2</sub>”, “e-diżil”, “e-metanol”, “e-LNG”, “e-H<sub>2</sub>”, “e-NH<sub>3</sub>”, “e-LPG”, “e-DME”, “Fjuwil Ieħor Mhux fossili”.

Tabella B.4

**Fatturi tal-emissjonijiet imsemmija fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/757**

Tip ta' fjuwil <sup>(1)</sup>	Il-fatturi ta' emissjoni <sup>(2)</sup> għad-diossidu tal-karbonju (fi grammi ta' CO <sub>2</sub> /grammi ta' fjuwil) f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/757	Il-fatturi ta' emissjoni <sup>(3)</sup> għall-metan (fi grammi ta' CH <sub>4</sub> /grammi ta' fjuwil) f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/757	Il-fatturi ta' emissjoni <sup>(4)</sup> għall-ossidu nitruż (fi grammi ta' N <sub>2</sub> O/grammi ta' fjuwil) f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/757
-------------------------------	--	---	---

- <sup>(1)</sup> Agħżel tal-inqas waħda mill-kategoriji li ġejjin: “Żejt tal-Fjuwil Tqil (HFO)”, “Żejt tal-Fjuwil Ħafif (LFO)”, “Żejt tal-Gass/Żejd diżil (MDO/MGO)”, “Gass Naturali Likwifikat (LNG)”, “Gass Likwifikat miż-Żejt (Butan, LPG)”, “Gass Likwifikat miż-Żejt (Propan, LPG)”, “H<sub>2</sub> (Fossili)”, “NH<sub>3</sub> (Fossili)”, “Metanol (Fossili)”, “Etanol”, “Bijodiżil”, “Żejt Veġetali Idrotrattat (HVO)”, “Bijometan likwifikat bħala fjuwil tat-trasport (Bijo-LNG)”, “Bijometanol”, “Bijofjuwil Ieħor”, “Bijo-H<sub>2</sub>”, “e-diżil”, “e-metanol”, “e-LNG”, “e-H<sub>2</sub>”, “e-NH<sub>3</sub>”, “e-LPG”, “e-DME”, “Fjuwil Ieħor Mhux fossili”.
- <sup>(2)</sup> Ikkonferma l-użu ta' fatturi ta' emissjoni prestabbiliti jew daħħal fattur ta' emissjoni attwali. Għall-fjuwils fossili jista' jintuża biss il-fattur prestabbilit ta' emissjoni għas-CO<sub>2</sub>.
- <sup>(3)</sup> Ikkonferma l-użu ta' fatturi ta' emissjoni prestabbiliti jew daħħal fattur ta' emissjoni attwali. Għall-fjuwils LNG (LNG fossili, bijo-LNG, e-LNG), il-fattur ta' emissjoni għal CH<sub>4</sub> għandu jkun zero.
- <sup>(4)</sup> Ikkonferma l-użu ta' fatturi ta' emissjoni prestabbiliti jew daħħal fattur ta' emissjoni attwali.

Tabella B.5

**Koeffiċjent ta' telf ta' fjuwil imsemmi fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/757**

Numru ta' referenza tas-sors ta' emissjonijiet <sup>(1)</sup>	Koeffiċjent ta' telf ta' fjuwil (bħala % tal-massa tal-fjuwil użat mis-sors speċifiku ta' emissjoni) f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/757
---	---

<sup>(1)</sup> Kif irrapportat fit-Tabella B.3

Tabella B.6

**Applikazzjoni tat-teknoloġija tal-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju msemija fil-Parti C, il-punt 1.4, tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2015/757**

Deskrizzjoni tat-teknoloġija li qiegħda tintuża	Evidenza ta' sostenn għall-konformità mar-rekwiżiti spjegati fl-Artikolu 12(3a) jew fl-Artikolu 12(3b) tad-Direttiva 2003/87/KE	Sors ta' emissjoni li għalih jiġu applikati l-qbid u l-ħżin u/jew il-qbid u l-użu tal-karbonju

Tabella B.7

**Proċeduri, sistemi u responsabbiltajiet li ntużaw għall-aġġornament tal-kompletezza tas-sorsi ta' emissjoni**

Titlu tal-proċedura	Ġestjoni tal-kompletezza tal-lista tas-sorsi ta' emissjonijiet
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella B.8

**Proċeduri, sistemi u responsabbiltajiet użati biex jiġu ddeterminati u aġġornati l-fatturi ta' emissjoni f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/757**

Titlu tal-proċedura	Determinazzjoni tal-fatturi tal-emissjonijiet
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ) <sup>(1)</sup>	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

<sup>(1)</sup> Meta jkun applikabbli, id-deskrizzjoni tal-proċedura trid tidentifika kif il-fatturi ta' emissjoni attwali elenkati fit-Tabella B.4 u B.5 huma derivati għall-approvazzjoni, inkluż il-metodu li bih tintwera l-konformità mal-kundizzjonijiet u mar-restrizzjonijiet għad-devjazzjoni mill-valuri prestabbiliti f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/757.



Tabella B.9

**Proċedura użata biex jiġu ddeterminati l-fatturi ta' emissjoni tas-CO<sub>2</sub> tal-bijofjuwils u tal-RFNBOs/RCFs imsemmija fil-Parti C, il-punt 1.2, tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2015/757**

Titlu tal-proċedura	Determinazzjoni tal-fatturi tal-emissjonijiet
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ) <sup>(1)</sup>	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

(1) Meta jkun applikabbli, id-deskrizzjoni tal-proċedura trid tidentifika kif il-fatturi ta' emissjoni tas-CO<sub>2</sub> huma derivati għall-approvazzjoni, inkluż il-metodu li bih tintwera l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Parti C, il-punt 1.2, tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2015/757.

PARTI C

**DATA DWAR L-ATTIVITÀ**

Tabella C.1

**Kundizzjonijiet ta' eżenzjoni relatati mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2015/757**

Entrata	Kamp ta' konferma
Għadd minimu ta' vjaġġi li mistennija jsiru waqt kull perjodu ta' rappurtar li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 skont l-iskeda tal-vapur	
Mistennija jsiru vjaġġi waqt kull perjodu ta' rappurtar li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 skont l-iskeda tal-vapur? <sup>(1)</sup>	
Il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2015/757 huma ssodisfati? <sup>(2)</sup>	
Jekk iva, beħsiebek tuża d-deroga għall-monitoraġġ tal-ammont ta' fjuwil ikkunsmat fuq bażi ta' kull vjaġġ? <sup>(3)</sup> Jekk jogħġbok innota li l-monitoraġġ fuq bażi ta' kull vjaġġ ta' ċerta informazzjoni jista' jkun meħtieġ skont il-Parti C, il-punt 2, tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2015/757 biex wieħed jibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikoli 12(3-d) sa 12(3-b) tad-Direttiva 2003/87/KE.	

(1) Agħżel "Iva" jew "Le".

(2) Agħżel "Iva" jew "Le".

(3) Agħżel "Iva", "Le" jew "Mhux applikabbli".

Tabella C.2

**Monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-konsum tal-fjuwil**

C.2.1. Metodi użati sabiex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-konsum tal-fjuwil ta' kull sors ta' emissjoni:

Numru ta' referenza tas-sors ta' emissjonijiet <sup>(1)</sup>	Isem is-sors ta' emissjonijiet	Tip ta' sors ta' emissjonijiet <sup>(2)</sup>	Metodu/i magħżul(a) <sup>(3)</sup>

<sup>(1)</sup> Kif irrapportat fit-tabella B.3.

<sup>(2)</sup> Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: "Magni prinċipali", "Magni awżiljarji", "Turbini tal-gass", "Bojlers", "Ġeneraturi tal-gass inerti", "Ċelloli tal-fjuwil", "Inċineraturi tal-iskart", "Oħrajn".

<sup>(3)</sup> Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin jew aktar: "Metodu A: BDN u inventarji perjodiċi tat-tankijiet tal-fjuwil", "Metodu B: Monitoraġġ abbord tat-tank tal-fjuwil tal-bastimenti", "Metodu C: Meters tal-fluss għall-proċessi ta' kombustjoni applikabbli" jew "Metodu D: Kejl dirett tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra".

C.2.2. Proċeduri biex jiġi ddeterminat il-fjuwil maħżun u l-fjuwil fit-tankijiet:

Titlu tal-proċedura	Determinazzjoni tal-fjuwil maħżun u tal-fjuwil fit-tankijiet
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

C.2.3. Kontroverifiki regolari bejn il-kwantità ta' fjuwil maħżun mogħtija fil-BDN u l-kwantità ta' fjuwil maħżun indikata mill-kejl abbord:

Titlu tal-proċedura	Kontroverifiki regolari bejn il-kwantità ta' fjuwil maħżun mogħtija fil-BDNs u l-kwantità ta' fjuwil maħżun indikata mill-kejl abbord
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	

C.2.4. Deskrizzjoni tal-istrumenti tal-kejl involuti:

Tagħmir tal-kejl (isem)	Elementi li ssir applikazzjoni magħhom (eż. is-sorsi ta' emissjoni, it-tankijiet)	Deskrizzjoni teknika (speċifikazzjoni, età, metodi u intervalli ta' kalibrar, intervalli ta' manutenzjoni)

C.2.5. Proċeduri sabiex tiġi rreġistrata, irkuprata, trażmessa u maħżuna l-informazzjoni dwar il-kejl:

Titlu tal-proċedura	Reġistrazzjoni, irkupru, trażmissjoni u ħżin tal-informazzjoni dwar il-kejl
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

C.2.6. Metodu għad-determinazzjoni tad-densità:

Tip/tank tal-fjuwil	Metodu biex jiġu ddeterminati l-valuri reali tad-densità tal-fjuwil maħżun <sup>(1)</sup>	Metodu biex jiġu ddeterminati l-valuri reali tad-densità tal-fjuwil fit-tankijiet <sup>(2)</sup>

<sup>(1)</sup> Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: "Strument tal-kejl li jinsab abbord", "Fornitur tal-fjuwil" jew "Test fil-laboratorju".

<sup>(2)</sup> Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: "Strument tal-kejl", "Fornitur tal-fjuwil", "Test fil-laboratorju".

C.2.7. Livell ta' inċertezza marbut mal-monitoraġġ tal-fjuwil:

Metodu ta' monitoraġġ <sup>(1)</sup>	Approċċ użat <sup>(2)</sup>	Valur

<sup>(1)</sup> Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin jew aktar: "Metodu A: BDN u inventarji perjodiċi tat-tankijiet tal-fjuwil", "Metodu B: Monitoraġġ abbord tat-tank tal-fjuwil tal-bastimenti", "Metodu C: Meters tal-fluss għall-proċessi ta' kombustjoni applikabbli" jew "Metodu D: Kejl dirett tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra".

<sup>(2)</sup> Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin: "Valur prestabbilit" jew "Stima speċifika għall-vapur".

## C.2.8. Proċeduri biex tiġi żgurata l-garanzija tal-kwalità tat-tagħmir tal-kejl:

Titlu tal-proċedura	Żgurar tal-garanzija tal-kwalità tat-tagħmir tal-kejl
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

## C.2.9. Metodu biex jiġi ddeterminat it-tqassim tal-konsum tal-fjuwil fparti għat-trasport tal-merkanzija u parti għat-trasport tal-passiġġieri (għall-vapur tal-tip ro-ro tal-passiġġieri biss):

Titlu tal-metodu	Stabbiliment tat-tqassim tal-konsum tal-fjuwil fparti għat-trasport tal-merkanzija u parti għat-trasport tal-passiġġieri
Metodu tal-allokazzjoni applikat skont EN 16258 <sup>(1)</sup>	
Deskrizzjoni tal-metodu biex tiġi ddeterminata l-massa tal-merkanzija u tal-passiġġieri inkluż l-użu possibbli ta' valuri prestabbiliti għall-piż tal-unitajiet tal-merkanzija/għall-metraġġ fil-korsija (jekk jintuża l-metodu tal-massa)	
Deskrizzjoni tal-metodu biex tiġi dderminata ż-żona tal-gverta allokata għall-merkanzija u għall-passiġġieri inkluż il-kunsiderazzjoni ta' gverti mdendlin u l-karozzi tal-passiġġieri fuq il-gverti għall-merkanzija (jekk jintuża l-metodu taż-żona)	
Tqassim tal-konsum tal-fjuwil (f%) fparti għat-trasport tal-merkanzija u parti għat-trasport tal-passiġġieri (jekk jintuża l-metodu taż-żona biss)	
Isem il-persuna responsabbli għal dan il-metodu jew il-kariga tagħha	
Formoli u sorsi tad- <i>data</i>	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

<sup>(1)</sup> Agħżel "Metodu tal-massa" jew "Metodu tal-erja".

## C.2.10. Proċeduri biex jiġi ddeterminat u rreġistrat il-konsum tal-fjuwil waqt il-vjaġġi mgħobbija (monitoraġġ volontarju):

Titlu tal-proċedura	Determinazzjoni u reġistrazzjoni tal-konsum tal-fjuwil waqt il-vjaġġi mgħobbija
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	

Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Formoli u sorsi tad- <i>data</i>	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

C.2.11. Proċeduri biex jiġi ddeterminat u rreġistrat il-konsum tal-fjuwil għat-tisħin tal-merkanzija (monitoraġġ volontarju għat-tankers tas-sustanzi kimiċi):

Titlu tal-proċedura	Determinazzjoni u reġistrazzjoni tal-konsum tal-fjuwil għat-tisħin tal-merkanzija
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Formoli u sorsi tad- <i>data</i>	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

C.2.12. Proċeduri biex jiġi ddeterminat u rreġistrat il-konsum tal-fjuwil għall-pożizzjonament dinamiku (monitoraġġ volontarju għat-tankers taż-żejt u għat-“tipi ta' vapuri oħrajn”):

Titlu tal-proċedura	Determinazzjoni u reġistrazzjoni tal-konsum tal-fjuwil għall-pożizzjonament dinamiku
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra l-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Formoli u sorsi tad- <i>data</i>	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella C.3

**Lista tal-vjaġġi**

Titlu tal-proċedura	Reġistrazzjoni u salvagwardja tal-kompletezza tal-vjaġġi
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	

Deskrizzjoni tal-proċeduri (inklużi r-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, il-monitoraġġ tal-vjaġġi eċċ. Tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra mill-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Sorsi tad- <i>data</i>	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella C.4

**Distanza vjaġġata**

Titlu tal-proċedura	Reġistrazzjoni u determinazzjoni tad-distanza għal kull vjaġġ magħmul
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċeduri (inklużi r-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni dwar id-distanza. Tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra mill-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Sorsi tad- <i>data</i>	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Proċeduri biex tiġi ddeterminata u rreġistrata d-distanza li tkun saret waqt il-vjaġġ meta l-bastiment ikun qiegħed jinnaviga fis-silġ (monitoraġġ volontarju):

Titlu tal-proċedura	Determinazzjoni u reġistrazzjoni tad-distanza li tkun saret waqt il-vjaġġ meta l-bastiment ikun qiegħed jinnaviga fis-silġ
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (inkluża r-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni dwar id-distanza u l-kundizzjonijiet tax-xitwa. Tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra mill-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Formoli u sorsi tad- <i>data</i>	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella C.5

**Ammont ta' merkanzija li tinġarr u Għadd ta' passiġġieri**

Titlu tal-proċedura	Reġistrazzjoni u determinazzjoni tal-ammont ta' merkanzija li tinġarr u/jew tal-għadd ta' passiġġieri
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (inkluż ir-reġistrazzjoni u d-determinazzjoni tal-ammont ta' merkanzija li tinġarr u/jew tal-għadd ta' passiġġieri u l-użu ta' valuri prestabbiliti għall-massa tal-unitajiet tal-merkanzija, jekk dan ikun applikabbli). Tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra mill-pjan ta' monitoraġġ)	
Unità tal-merkanzija/passiġġieri (¹)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Formoli u sorsi tad- <i>data</i>	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

(¹) Għall-vapuri tal-passiġġieri, l-“Unità tal-merkanzija/passiġġieri” għandha tiġi speċifikata bħala “passiġġieri”.  
 Għall-vapuri ro-ro, għall-bastimenti tal-kontejners, għat-tankers taż-żejt, għat-tankers tas-sustanzi kimiċi, għat-tankers tal-gass, għat-trasportaturi ta' tagħbija bl-ingrossa, għall-bastimenti refriferatur, għall-bastimenti kkombinati, l-“Unità tal-merkanzija/passiġġieri” għandha tiġi speċifikata bħala “tunnellati”.  
 Għat-trasportaturi tal-LNG/vapuri tal-merkanzija ro-ro, l-“Unità tal-merkanzija/passiġġieri” għandha tiġi speċifikata bħala “metri kubi”.  
 Għall-bastimenti tal-merkanzija ġenerali, l-“Unità tal-merkanzija/passiġġieri” għandha tiġi speċifikata billi tingħażel waħda mill-kategoriji li ġejjin: “tunnellati ta' piż mejjet li qiegħed jinġarr” jew “tunnellati ta' piż mejjet li qiegħed jinġarr u tunnellati”.  
 Għall-bastimenti tal-vetturi, l-“Unità tal-merkanzija/passiġġieri” għandha tiġi speċifikata billi tingħażel waħda mill-kategoriji li ġejjin: “tunnellati” jew “tunnellati u tunnellati ta' piż mejjet li qiegħed jinġarr”.  
 Għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri, l-“Unità tal-merkanzija/passiġġieri” għandha tiġi speċifikata bħala “tunnellati” u bħala “passiġġieri”.  
 Għal tipi ta' vapuri oħrajn, l-“Unità tal-merkanzija/passiġġieri” għandha tiġi speċifikata billi tingħażel waħda mill-kategoriji li ġejjin: “tunnellati”, “tunnellati ta' piż mejjet li qiegħed jinġarr”.

Proċeduri biex tiġi ddeterminata u rreġistrata d-densità medja tal-merkanzija ttrasportata (monitaraġġ volontarju għat-tankers tas-sustanzi kimiċi, għall-bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa u għall-bastimenti kkombinati):

Titlu tal-proċedura	Determinazzjoni u reġistrazzjoni tad-densità medja tal-merkanzija ttrasportata
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċeduri (inklużi r-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni dwar id-densità tal-merkanzija. Tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra mill-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Formoli u sorsi tad- <i>data</i>	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Tabella C.6

**Ħin imqatta' fuq il-baħar**

Titlu tal-proċedura	Determinazzjoni u reġistrazzjoni tal-ħin imqatta' fuq il-baħar mill-irmiġġ fil-port tat-tluq sal-irmiġġ fil-port tal-wasla
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (inklużi r-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni dwar it-tluq u l-wasla fil-port. Tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra mill-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Formoli u sorsi tad- <i>data</i>	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

Proċeduri biex jiġi ddeterminat u rreġistrat il-ħin imqatta' fuq il-baħar meta l-bastiment ikun qiegħed jinnaviga fis-silġ (monitoraġġ volontarju):

Titlu tal-proċedura	Determinazzjoni u reġistrazzjoni tal-ħin imqatta' fuq il-baħar meta l-bastiment ikun qiegħed jinnaviga fis-silġ
Referenza għall-proċedura eżistenti	
Verżjoni tal-proċedura eżistenti	
Deskrizzjoni tal-proċedura (inklużi r-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni dwar it-tluq u l-wasla fil-port u l-kundizzjonijiet tax-xitwa. Tista' tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira tal-proċedura jekk diġà teżisti barra mill-pjan ta' monitoraġġ)	
Isem il-persuna responsabbli għal din il-proċedura jew il-kariga tagħha	
Formoli u sorsi tad- <i>data</i>	
Post fejn jinżammu r-reġistri	
Isem is-sistema tal-IT użata (fejn dan ikun applikabbli)	

## PARTI D

**LAKUNI FID-DATA**

Tabella D.1

